# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Settembru 2002

## Avviz numru : 87/2002 (GM)

**Xavier u Anna konjugi Fenech**

**vs**

**Gregory Parnis u Georgette Muscat**

**It-Tribunal ,**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :**

**"Peress illi l-attur kien esegwa xi xoghol ta' aluminium fuq inkarigu tal-konvenuti;**

**Peress illi l-konvenuti ghad baqaghlhom ihallsu lill-atturi s-somma ta' elf u mija u hdax il-Lira Maltin (Lm1,111), bilanc dovut minn somma akbar rapprezentanti hlas dovut ghall-imsemmi xoghol;**

**Peress illi ghalkemm interpellati diversi drabi kemm verbalment kif ukoll permezz tal-ittra bonarja tas-27 ta' Marzu 2002 kif ukoll permezz tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Mejju 2002, il-konvenuti baqghu inadempjenti;**

**Ghaldaqstant l-atturi jitolbu lil dan l-Onorabbli Tribunal illi jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi l-ammont dovut minnhom. Ghalhekk kellhom jaghmlu din il-kawza.**

**Bl-ispejjez tal-prezenti procedura, tal-ittra bonarja tas-27 ta' Marzu 2002 kif ukoll tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Mejju 2002 u bl-imghaxijiet skond il-ligi."**

**Ra r-riferti posittivi imnejn jirrizulta li l-konvenuti gew debitament notifikati izda la pprezentaw risposta u lanqas dehru ghas-seduta li nzammet mit-Tribunal fit-18 ta' Settembru 2002 u dik tal-lum;**

**Sema’ d-deposizzjoni guramentata ta’ l-attur, Xavier Fenech li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba tal-atturi u ghalhekk jikkundanna lill-konvenuti ghall-hlas ta’ elf u mija u hdax il-Lira Maltin (Lm1,111) bl-imghax legali mit-13 ta’ Mejju 2002 sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, inkluzi d-dritt tal-avukat li assistiet lill-atturi quddiem dan it-Tribunal; tal-ittra interpellatorja tas-27 ta’ Marzu 2002 u tal-ittra ufficjali tat-13 ta’ Mejju 2002 a kariku tal-konvenuti.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**